Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, Floriana  VLT 16 Malta
Tel: 21220318 – Fax: 21236621 – Email: info@maltabible.com

---

# Komunikat għall-Istampa

## Korsijiet Ġodda fuq il-Bibbja

L-Għaqda Biblika Maltija qed torganizza 9 korsijiet ġodda fuq il-Bibbja. L-għan ta' dawn il-korsijiet huwa li min jattendi għalihom ikun jista' jaqra u jifhem il-Bibbja u l-messaġġ tagħha aħjar u b'mod tajjeb.

It-temi tal-korsijiet huma varjati ħafna biex jilħqu l-interess ta' kulħadd. Il-lecturers huma persuni esperti fis-suġġetti li se jgħallmu.

Il-Korsijiet se jsiru bejn Ottubru u Diċembru 2006 u huma mqassmin matul il-ħinijiet tal-ġurnata – filgħodu u filgħaxija. Hemm kors ta' Sena fuq it-Testment il-Ġdid li jibda f'Ottubru 2006 u jispiċċa f'Ġunju 2007. Il-korsijiet isiru bil-Malti minbarra wieħed li se jsir bl-Ingliż biex jilħaq lil min ma jifhimx bil-Malti.

Il-korsijiet huma: (1) L-Avvent: Inħejju t-Triq Għall-Mulej fil-Qalb Tagħna (2) Kif Nifhmu l-Bibbja II (It-Tieni Pass) (3) L-Isfond Klassiku tal-Kotba Mqaddsa (4) Ħsieb San Pawl Dwar il-Misteri Ewlenin tal-Fidi Tagħna (5) Id-Dixxipulat fl-Evanġelju Skond San Mark u San Mattew (6) L-Avvent: Nitolbu b'siltiet mill-Iskrittura bi thejjija għall-Milied (7) Antropoloġija Biblika (8) Kors ta' Sena fuq it-Testment il-Ġdid; (9) KORS BL-INGLIZ: Reading the Gospels in their Context.

Il-korsijiet isiru fis-sala tal-konferenzi ta' l-Għaqda Biblika Maltija fl-indirizz : 51, Triq il-Miratur, Floriana.

Għal aktar informazzjoni jew biex japplika, wieħed jista' jċempel lill-Għaqda Biblika Maltija fuq 21220318 bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m. u bejn is-2.00 p.m. u l-5.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa jew billi jaċċessa l-website: www.maltabible.com

*Grace Cilia*
*Segretarja Ġenerali*
*Għaqda Biblika Maltija*